**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Antonello Magri)**

**Vs**

**Salim El Trabelsi**

**Kumpilazzjoni Nru. 255/2025 AC**

**Illum, is-26 ta' Marzu 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Salim El Trabelsi**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 39513L, imwieled il-Libja nhar id-9 ta' Frar 1988 bin ġenituri mhux magħrufa, u residenti 32, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann li kien akkużat talli bejn is-16 ta' Marzu u t-22 ta' Marzu 2025 ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil **Lara El Trabelsi (mara tiegħu), Ella Trabelsi (tifla tiegħu) u Adam El Trabelsi (tifel tiegħu)** biża' li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' tagħhom jew kontra l-persuna jew proprjeta' ta' xi ħadd mill-

axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1), liema delitt twettaq kontri l-konjuġi ta' qabel u tfal ripetutament u dan bi ksur tal-Artikoli 251B(1), 251B(2), 251H, 251HA u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

2. Bla ordni skont il-Liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestajt, żammejt jew issekwestrajt lil **Lara El Trabelsi (mara tiegħu)** kontra l-volonta' tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata u dan skont l-Artikoli 86, 87(1)(h) u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali;

3. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ħsara tammonta għal aktar minn €250 iżda anqas minn €2,500 għad-dannu ta' **Lara El Trabelsi (mara tiegħu)**;

4. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ħsara tammonta għal aktar minn €250 iżda anqas minn €2,500 għad-dannu ta' **Adam El Trabelsi**;

5. Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil **Lara El Trabelsi (mara tiegħu), Ella El Trabelsi (tifla tiegħu) u Adam El Trabelsi (tifel tiegħu)**.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Salim El Trabelsi** għall-benefiċċju ta' **Lara El Trabelsi, Ella El Trabelsi u Adam El Trabelsi** u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, din il-Qorti tapplika wkoll l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' **Lara El Trabelsi, Ella El Trabelsi u Adam El Trabelsi**, u dan f'każ ta' ħtija u ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna tħallas id-danni stabbiliti skont l-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali;

Rat li l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti kif preseduta bħala Qorti tal-Għassa b'arrest nhar l-24 ta' Marzu 2025;

Rat illi waqt l-istess seduta[1] din il-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex issir korrezzjoni fl-akkużi odjerni, b'dan illi tkun miżjuda s-sena 2025 mal-kliem "bejn is-16 ta' Marzu u t-22 ta' Marzu", sabiex tiġi taqra "bejn is-16 ta' Marzu u t-22 ta' Marzu 2025", u li l-imputat iddikjara ruħu b'notifikat bl-akkużi hekk kif emendati;

Rat li waqt l-istess seduta l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Antonello Magri qara u kkonferma l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat bil-ġurament[2] hekk kif emendati;

Rat li meta sar l-eżami tal-imputat mingħajr ġurament *ai termini* tal-Artikolu 370(4), l-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[3], wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li din il-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien biss f'dan l-istadju li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu;

[1] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 4 *et seq* tal-proċess
[2] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 4 *et seq* tal-proċess
[3] Ara a fol 10 tal-proċess

Għalhekk, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li ma hemmx raġuni tajba sabiex tiddubita li l-imputat huwa ħati minkejja li huwa ddikjara l-ammissjoni tiegħu, u tqis li l-imputazzjonijiet sopraċitati kienu sodisfaċentement ipprovati;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti proċesswali, senjatament is-segwenti:

1. Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ ikun trattat bi proċedura sommarja[4];
2. Mandat t'Arrest u Tfittxija bil-lingwa Maltija fil-konfront tal-imputat datat it-23 ta' Marzu 2025[5];
3. Mandat t'Arrest u Tfittxija bil-lingwa Ingliża fil-konfront tal-imputat datat it-23 ta' Marzu 2025[6];
4. *Danger Assessment Certification* fir-rigward tal-*Parte Civile* datat it-22 ta' Marzu 2025[7];
5. *Danger Assessment Certification* fir-rigward tal-*Parte Civile* datat it-18 ta' Marzu 2025[8];
6. Formola ta' Dikjarazzjoni ta' Rifjut għal *shelter* datata t-18 ta' Marzu 2025[9];
7. NPS PCR Details tal-imputat u tal-minorenni Ella El Trabelsi u Adam El Trabelsi[10];
8. NPS PCR Details tal-*Parte Civile* Lara El Trabelsi[11];
9. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/652/2025[12];
10. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/704/2025[13];
11. *Screenshots* ta' *chat* fuq Kellimni.com[14];
12. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata fit-23 ta' Marzu 2025[15];

---

[4] Ara Dok AM1 a fol 11 tal-proċess
[5] Ara Dok AM2 a fol 12 tal-proċess
[6] Ara Dok AM3 a fol 13 tal-proċess
[7] Ara Dok AM4 a fol 14 *et seq* tal-proċess
[8] Ara Dok AM5 a fol 17 *et seq* tal-proċess
[9] Ara Dok AM6 a fol 24 *et seq* tal-proċess
[10] Ara Dok AM7 a fol 27 *et seq* tal-proċess
[11] Ara Dok AM8 a fol 28 tal-proċess
[12] Ara Dok AM9 a fol 31 *et seq* tal-proċess
[13] Ara Dok AM10 a fol 40 *et seq* tal-proċess
[14] Ara Dok AM11 a fol 47 *et seq* tal-proċess
[15] Ara Dok AM12 a fol 49 *et seq* tal-proċess

13. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat[16];
14. L-Istqarrija Awdjo-viżwali tal-imputat fuq CD[17].

Rat illi waqt l-istess seduta din il-Qorti laqgħet it-talba tad-Difiża għall-Ħelsien mill-Arrest, u dan permezz ta' digriet datat l-istess ġurnata[18];

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena waqt is-seduta tal-24 ta' Marzu 2025;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

L-imputat qed jiġi mixli talli bejn is-16 ta' Marzu u t-22 ta' Marzu 2025 ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil **Lara El Trabelsi (mara tiegħu), Ella Trabelsi (tifla tiegħu) u Adam El Trabelsi (tifel tiegħu)** biża' li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' tagħhom jew kontra l-persuna jew proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1), liema delitt twettaq kontri l-konjuġi ta' qabel u tfal ripetutament u dan bi ksur tal-Artikoli 251B(1), 251B(2), 251H, 251HA u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

2. Bla ordni skont il-Liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestajt, żammejt jew issekwestrajt lil **Lara El Trabelsi (mara tiegħu)** kontra l-volonta' tagħha, jew jagħti l-post biex fih

[16] Ara Dok AM13 a fol 51 tal-proċess
[17] Ara Dok AM14 a fol 52 tal-proċess
[18] Ara a fol 53 *et seq* tal-proċess

din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata u dan skont l-Artikoli 86, 87(1)(h) u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali;

3. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ħsara tammonta għal aktar minn €250 iżda anqas minn €2,500 għad-dannu ta' **Lara El Trabelsi (mara tiegħu)**;

4. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ħsara tammonta għal aktar minn €250 iżda anqas minn €2,500 għad-dannu ta' **Adam El Trabelsi**;

5. Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil **Lara El Trabelsi (mara tiegħu), Ella El Trabelsi (tifla tiegħu) u Adam El Trabelsi (tifel tiegħu)**.

L-imputat wieġeb li hu ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni volontarja u inkondizzjonata, l-Qorti tqis li l-akkużi fil-konfront tal-imputat ġew sodisfaċentement pruvati;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun erogata, din il-Qorti ħadet is-segwenti fatturi in konsiderazzjoni:

1. Li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fl-aktar stadju bikri possibbli ta' dawn il-proċeduri u ċioe' waqt l-ewwel seduta meta tressaq b'arrest u li għalhekk għandu jkun applikabbli għalih dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali dwar tnaqqis fil-piena għal ammissjonijiet li jsiru fi stadju bikri tal-proċeduri[19], li

[19] Ara f'dan is-sens **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997; **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002, kif ukoll Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024; Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024

jfisser li l-Qorti tkun frankat il-ħin, ir-riżorsi u l-ispejjeż neċessarji sabiex tindaga dwar il-mertu tal-imputazzjonijiet odjerni, u l-amministazzjoni tal-ġustizzja;

2. In-natura tal-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat u l-aggravji assoċjati magħhom, li jirrinkwadraw ruħhom fid-definizzjoni ta' "vjolenza domestika"[20] u "familja jew unita' domestika"[21] *ai termini* tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Dak dikjarat mill-partijiet waqt it-trattazzjoni fuq il-piena, li fiha l-Prosekuzzjoni ssottomettiet li m'hijiex tinsisti fuq piena karċerarja fil-konfront tal-imputat, iżda insistiet fuq Ordni ta' Trażżin a favur il-*Parte Civile* Lara El Trabelsi (iżda mhux fuq l-ulied sabiex ir-relazzjoni tagħhom ma' missierhom ma titkissirx) u fuq Ordni ta' Trattament sabiex l-imputat jitgħallem jikkontrolla l-emozzjonijiet tiegħu u fuq kollox jindirizza l-problemi ta' rabja li għandu dejjem bil-għan li l-partijiet jippruvaw isolvu l-problemi familjari ta' bejniethom;

4. Il-Fedina Penali netta tal-imputat;

5. Li l-imputat għandu bżonn l-għajnuna sabiex jagħraf jikkontrolla l-emozzjonijiet tiegħu u sabiex jindirizza l-problemi ta' rabja;

Tenut kont dawn il-fatturi kollha għalhekk, din il-Qorti tqis li filwaqt li ma tistax tinjora l-portata ta' dawn l-imputazzjonijiet, tqis illi piena karċerarja fil-konfront tal-imputat ma tkunx idoneja *stante* li dak li hemm bżonn hu li:

(a) l-imputat jagħraf li l-akkużi li hu mixli bihom u li għalihom qed jirreġistra ammissjoni ma jistgħux jerġgħu jirrepetu ruħhom;

---

[20] "...l-atti jew l-ommissjonijiet kollha, inkluż il-vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ta' natura ekonomika li jikkawżaw ħsara u, jew tbatija fiżika jew morali, inkluż it-theddid ta' tali atti jew ommissjonijiet, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja u, jew f'relazzjoni intima, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fi ħdan il-familja u, jew relazzjoni intima";

[21] B'referenza partikolari ssir għall-Artikolu 2(d) tal-istess Kapitolu, u ċioe' "persuni li qegħdin jew li kienu f'relazzjoni sentimentali u, jew intima";

(b) fl-istess ħin jitgħallem jikkontrolla l-emozzjonijiet u r-rabja tiegħu sabiex episodji ta' din ix-xorta ma jerġgħux jiġru;
(c) jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex is-sigurta' u l-benesseri tal-*Parte Civile* Lara El Trabelsi jiġu assigurati b'dan illi tinżamm ħajja l-possibilita' ta' relazzjoni sana bejn l-ulied u l-missier (l-imputat).

**<u>Decide:</u>**

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 202(h)(i), l-Artikolu 202(h)(iii), l-Artikolu 86, l-Artikolu 87(1)(h), l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 251B(1), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251H(b), l-Artikolu 251H(d), l-Artikolu 251HA, l-Artikolu 325(1)(b), l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, **fuq ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tiegħu stess, <u>qiegħda, ssib lill-imputat Salim El Trabelsi ħati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti fil-konfront tiegħu.</u>**

Wara li fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ huwa ideoneju li jsir dan u ċioe' r-reġistrazzjoni tal-ammissjoni tiegħu fl-aktar żmien bikri possibbli, l-fedina netta tiegħu, li l-partijiet jixtiequ li jsalvaw il-familja tagħhom (u għalhekk talbu wkoll l-għajnuna neċessarja sabiex dan il-għan jintlaħaq) b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qiegħda tagħmel ordni li permezz tiegħu tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

*Ai termini* tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti spjegat ukoll bi kliem ċar lill-ħati li jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

*In oltre* l-Qorti qed tordna li jinħareġ **Treatment Order** *ai termini* tal-Artikolu 412(D)(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat issa l-ħati għal tul ta' sentejn biex l-imputat, issa l-ħati jindirizza l-*anger issues* tiegħu u jitgħallem jikkontrolla l-emozzjonijiet tiegħu b'mod serju kif ukoll jindirizza aspetti tal-karattru u l-personalita' tiegħu u kwalunkwe kondizzjoni oħra li l-istess professjonisti jikkonstataw jew jaraw li trid tiġi ndirizzata.

A tenur tal-Artikolu 412D(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat b'mod ċar il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat, issa l-ħati. L-Qorti qiegħda tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tiġi notifikata lid-Direttur tal-Probation and Parole. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-istess imputat, issa l-ħati Salim El Trabelsi kull tliet (3) xhur.

*In oltre* din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 382A(1) u l-Artikolu 382A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati favur il-*Parte Civile* **Lara El Trabelsi** **għal żmien sentejn mid-data ta' din is-sentenza, b'dan illi din l-Ordni għandha tkun viġenti fl-intier tagħha b'eċċezzjoni għal komunikazzjoni bejn il-partijiet rigward uliedhom u b'eċċezzjoni għad-dritt t'aċċess tal-istess imputat issa l-ħati għal uliedu**, liema Ordni għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem kontra l-ħati **Salim El Trabelsi** l-provvedimenti tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba *stante* li ma ġew esebiti ebda provi f'dan is-sens jew dwar il-valur tad-danni sofferti fil-perkors ta' dawn il-proċeduri;

*Ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**